

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2006/2032(INI)**

7.11.2006

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar id-dimensjoni esterna tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali  
(2006/2032(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Alain Hutchinson

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

### Definizzjoni ta' terroriżmu

1. Jistieden lill-Kunsill ta' l-UE biex b'mod uffiċjali jadotta f'azzjoni komuni malajr kemm jista' jkun id-definizzjoni ta' terroriżmu proposta mill-Bord ta' Esperti Għoli tan-NU dwar 'Theddid, Sfidi u Bidla' u adottata minn Kofi Annan, li tistipula li "kwalunkwe azzjoni tfisser terroriżmu jekk hija intenzjonata li tikkawża mewt jew ħsara fiżika serja lil persuni ċivili jew persuni mhux kombattenti bl-iskop ta' intimidazzjoni tal-popolazzjoni jew bħala sforz fuq xi gvern jew organizzazzjoni internazzjonali biex twettaq jew tastjeni milli jwettqu xi azzjoni";
2. Ifakkar li din id-definizzjoni tat-terroriżmu proposta tan-NU tqis li "terroriżmu ta' l-istat" huwa regolat b'mod xieraq skond il-liġi internazzjonali, li d-dritt li tkun reżistita l-okkupazzjoni ma jistax jinkludi d-dritt ta' qtil deliberat jew ta' korriment ta' persuni ċivili u li d-definizzjoni tkun bħala addizzjoni ma' l-azzjonijiet li diġà huma pprojbiti b'konvenzjonijiet attwali, li tiżgura b'mod partikulari li l-kunċett huwa distingwit b'mod ċar minn dak ta' gwerra jew konflitt u ma jistax ikun interpretat b'mod li jwassal għal restrizzjoni ta' l-iskop tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-prinċipji ta' liberta', demokrazija, ugwaljanza u solidarjeta' kif stipulat fiċ-Ċarter tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea;
3. Minħabba l-falliment tas-Samit tal-Millennju tan-NU fl-2005 dwar ir-riforma tan-NU biex tkun adottata d-definizzjoni proposta ta' terroriżmu u preżunzjoni assoluta li koperazzjoni internazzjonali trid tintuża biex tissielet mat-terroriżmu, iqis li l-aħħar dikjarazzjoni mill-Kumitat ta' Żvilupp ta' Assistenza (DAC) ta' l-OECD dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li kienet imfassla b'mod assolut fil-kamra, bi ftit li xejn konsultazzjoni ma' korpi mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam ta' l-iżvilupp, għandha l-possibilita' li tissottovaluta l-approċċi effettivi rakkomandati fid-dokument ta' sfond preċedenti<sup>1</sup>;
4. Jistieden lill-UE biex tibbaża l-azzjoni tagħha fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fuq analiżijiet dettaljati, trasparenti u aġġornati b'mod regolari tat-theddida preżentata fil-preżent għaċ-ċittadini ta' l-emisferi tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, biex tippermetti b'mod partikulari biex iċ-ċittadini jkunu avżati kontra kwalunkwe forma ta' manipulazzjoni ta' informazzjoni, u biex tiżviluppa u timplimenta risposti proporzjonati mat-theddida identifikata;

### Rispett għad-drittijiet tal-bniedem

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinkludu klawnsola dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kollha ma' pajjiżi terzi u biex japplikawha b'mod konsistenti, u mhux jippermettu li l-eżistenza ta' "klawsola tal-ġlieda kontra t-terroriżmu" taffettwa l-applikazzjoni ta' din il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem bir-riżultat ta' żieda

---

<sup>1</sup> Il-linjigwida DAC, Għajnuna fil-Prevenzjoni kontra Konflitt vjolenti, OECD 2001.

fit-tolleranza ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'isem il-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif diġà kien il-każ fir-relazzjonijiet ma' bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw;

6. Iqis li strateġija kontra t-terroriżmu li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem tista' tkun segwita b'suċċess biss jekk ir-rispett għal dawn id-drittijiet ikun immonitorjat b'mod permanenti, jekk il-konsegwenzi diretti u indiretti tal-miżuri u strumenti kollha adottati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu jkunu eżaminati b'mod sistematiku u jekk id-dritt tal-vittmi affettwati b'mod negattiv b'miżuri kontra t-terroriżmu biex ifittxu rimedji u kumpens ikunu salvagwardjati;
7. Ifakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri kontra t-terror annessi ma' l-Istrument ta' Stabilità, li fiha l-Kummissjoni ppreżentat assigurazzjonijiet li l-miżuri ta' kontra t-terror kollha ffinanzjati skond dan l-istrument jirrispettaw l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u jikkonformaw mal-liġi umanitarja relatata u li hija timmonitorja l-konformità min-naħa tal-pajjiżi reċipjenti;
8. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li strateġiji mmirati biex jippromowtjaw tmexxija xierqa u jevitaw konflitti jkunu koerenti, koordinati, ibbażati fuq approċċ multilaterali u konformi ma' l-istandards stabbiliti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
9. Jistieden lill-UE biex ma tippromowtjax it-tendenza dejjem tiżdied li ssir konfużjoni bejn it-terroriżmu ma' konflitt, li diġà qed tippermetti ċerti pajjiżi fl-emisfera tan-Nofsinhar biex jiffaċilitaw l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' liġijiet li huma kuntrarji b'mod sfaċċat għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għall-oġġettivi stipulati fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp<sup>1</sup>;
10. Jenfasizza li f'bosta pajjiżi li adottaw liġijiet ta' sigurtà ħorox, difensuri ta' libertajiet ċivili enfasizzaw li l-istat diġà għandu poteri biżżejjed fil-qasam ta' l-infurzar tal-liġi u l-ordni biex jiġġieled b'mod effettiv lit-terroriżmu fuq il-bażi ta' konvenzjonijiet u strumenti internazzjonali attwali, u jistieden lill-UE biex tiżgura li l-politika ta' żvilupp ta' koperazzjoni ma tintużax bħala strument fil-kisba ta' oġġettivi li hija ma tinkludix, bħat-tiżiħ tal-militar u tal-makkinarju tal-pulizija jew appoġġ għat-trażżin ta' konflitti interni;
11. Jistieden lill-UE biex tadotta fil-korpi internazzjonali kollha l-pożizzjoni li skambji ta' intelliġenza jridu jseħħu bil-kundizzjoni ta' l-eżistenza ta' awtoritajiet operattivi u indipendenti għall-protezzjoni tad-dejta u waqt rikonossiment tad-drittijiet individwali milli d-drittijiet ta' dawk li jimmonitorjaw;

### **Effettività ta' l-għajnuna**

12. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport tiegħu dwar l-effettività tal-koperazzjoni ta' żvilupp Ewropea, u jenfasizza b'mod partikulari li jekk, bil-ħsieb ta' l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni ta' żvilupp, numru kbir ta' oġġettivi huma mfitxija li

---

<sup>1</sup> Sqarrija konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri f'laqgħa fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: "Il-Kunsens Ewropew" (ĠU C, 24.2.2006, p. 1).

huma marbutin b'mod indirett biss, jew mhux marbutin xejn, ma' l-istrateġija stipulata fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-kisba tal-Miri ta' Żvilupp tal-Millenju (MDGs) (li għalihom in-NU temmen li huma meħtieġa USD 50 biljun f'għajjnuna annwali addizzjonali), ikun aktar diffiċli b'mod sinifikattiv biex tittieħed azzjoni effettiva kontra l-faqar;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifittxu politika ta' kontra t-terroriżmu b'attenzjoni li ma tissottovalutax il-kontribuzzjoni mwettqa mill-koperazzjoni ta' żvilupp Ewropea fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji mmirati biex jiġġieldu b'mod effettiv il-faqar u li jevitaw konflitti dejjem aktar imtawla, u vjolenti, b'mod partikulari fl-Afrika;
14. Jenfasizza li r-rispons adottat mill-UE għat-terroriżmu jrid ikun proporzjonat u mmirat b'mod xieraq lejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu, bil-ħsieb li, sakemm ikun pruvat mod ieħor, il-miżuri l-aktar effettivi fil-ġlieda kontra forom ġodda ta' terroriżmu jridu jitqiesu li huma intelliġenza u servizzi tal-pulizija effettivi, fi kliem ieħor attivitajiet li, minkejja li huma leġittimi, mhux stabbiliti fi ħdan il-politika ta' koperazzjoni ta' żvilupp jew il-ġlieda kontra l-faqar;

### **L-iffinanzjar tal-ġlieda kontra t-terroriżmu**

15. Jiddispijaċih mill-fatt li numru kbir ta' miżuri adottati mill-Istati Membri li mhux stabbiliti direttament fi ħdan politika għal tnaqqis tal-faqar f'pajjiżi fl-emisfera tan-Nofsinhar huma fil-preżent diġà inklużi fl-Assistenza ta' Żvilupp Uffiċjali (ODA), bħall-iffinanzjar ta' ċertu self u investimenti militari;
16. Iqis li l-inklużjoni fi ħdan l-ODA ta' l-appoġġ finanzjarju ta' firxa ta' attivitajiet marbuta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu tista' tkompli tissottovaluta biss il-kunċett ta' għajjnuna ta' żvilupp pubblika u l-mira prinċipali tagħha, b'mod ewlieni l-eliminazzjoni tal-faqar;
17. Jinsisti li kwalunkwe programm ta' l-UE biex jiżviluppa l-koperazzjoni għal kontra t-terroriżmu, teknoloġija ta' sorveljanza u skambji ta' informazzjoni għandu jinkludi klawsola finanzjarja li ttrisserva parti mill-baġit għal kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali kif ukoll għal evalwazzjoni ta' impatt indipendenti ta' wara;
18. Jenfasizza b'mod qawwi lill-Istati Membri li xejn ma jista' jiġġustifika d-devjazzjoni ta' l-għajjnuna minn pajjiżi li qed jiddedikaw innifishom għat-tnaqqis tal-faqar u għal kisba ta' l-MDGs lejn pajjiżi involuti direttament fil-ġlieda kontra t-terror;
19. Jenfasizza li r-riżorsi finanzjarji addizzjonali mogħtija b'riżultat ta' l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji innovattivi m'għandhomx jissostitwixxu impenji ta' l-ODA li diġà daħlu fis-seħħ, u jqis li, meta dawn ir-riżorsi ġodda jkunu disponibbli, m'għandhomx jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri biex jevitaw jew jiġġieldu t-terroriżmu minflok miżuri għal ġlieda kontra l-faqar li għalihom huwa essenzjali li jkunu allokat;

### **Relazzjonijiet ma' diaspori**

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċerti gruppi ta' persuni minn diaspori varji li jgħixu fl-Ewropa m'humiex stigmatizzati, b'mod partikulari billi

jappoġġjaw politiki li jiġġieldu l-ksenofobja u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-komunitajiet ta' immigranti u rifuġjati, kif ukoll proġetti ta' għajnuna ta' żvilupp imwettqa minn immigranti jew minn assoċjazzjonijiet ta' immigranti;

## **II-Midja**

21. Jistieden lill-UE biex tiżgura li miżuri meħudin bil-ħsieb tal-ġlieda kontra t-terroriżmu ma jwasslux għal ostakoli fuq l-abilità tal-midja f'pajjiżi fl-emisfera tan-Nofsinhar biex tindirizza b'mod indipendenti kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-foqra u persuni vulnerabbli u biex tippubblika informazzjoni li hija essenzjali fir-rigward tad-determinar ta' l-għajnuna speċifika biex tkun provduta f'dawn il-pajjiżi.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Id-dimensjoni esterna tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali
<b>Referenzi</b>	2006/2032(INI)
<b>Kumitat responsabbli</b>	AFET
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 16.3.2006
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data mħabbra fis-seduta plenarja</b>	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Alain Hutchinson 21.2.2006
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	28.8.2006      2.10.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	6.11.2006
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:    13 -:    1 0:
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrietus van den Berg, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, H��l��ne Goudin, Maria Martens, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, Feleknas Uca, Anna Z��borsk��
<b>Sostitut/i preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Bowis, Fiona Hall, Alain Hutchinson, Jan Jerzy Ku��kowski, Manolis Mavrommatis
<b>Sostitut/i preżenti għall-votazzjoni finali skond ir-Regola 178(2)</b>	
<b>Kummenti</b> (disponibbli f'lingwa waħda biss)	...